MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 228/2001/1

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Pauline Mallia sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Carmelo Mifsud**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**
**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u disghin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (LM496.95,0) jew ammont iehor**

**verjuri li jigi likwidat minn dina l-qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-28 ta' Lulju tas-sena 2000 fi Triq Sant'Anna, Floriana bejn il-vettura numru EAP 649 misjuqa minnu u l-vettura numru AAO 324 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurata Pauline Mallia, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**2. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi hames Liri Maltin (LM5.00,0) tal-konsult, tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru tas-sena 2000, u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tieghu kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi ghall-incident in kwistjoni huwa ma kellu l-ebda tort;**

**2. Illi l-eccipjent gia istitwixxa proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi dikjarat li l-incident in kwistjoni gara unikament minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-assikurata tas-socjeta' attrici, Pauline Mallia u ghalhekk din il-kawza ghandha timxi mal-kawza l-ohra;**

**3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh ghall-habta tat-8.30 ta' filghodu tat-28 ta' Lulju tas-sena 2000 fi Triq Sant'Anna il-Furjana, precizament fil-limiti estremi tar-"round-about" tal-Momument tal-Gwerra qabel ma wiehed jibda tiela' fid-direzzjoni ta' Kastilja;**

**2. Illi l-vetturi involuti kienu wahda tal-marka Rover bin-numru ta' registrazzjoni AAO-324, (mhux "314" kif indikata a fol 49), misjuqa minn Pauline Anne Mallia, l-assikurata tas-socjeta' attrici nomine u l-ohra tal-marka Citroen AX bin-numru ta' registrazzjoni EAP-649 misjuq mill-konvenut Carmelo Mifsud;**

**3. Illi d-danni sofferti mill-vettura assikurata mis-socjeta' attrici nomine gew pjenament saldati mill-istess socjeta' stante li l-vettura de quo kienet assikurata "fully comprehensive" u dan, wara "survey" regolarment effettwat fuq l-istess vettura;**

**4. Illi skond il-konducent assikurata mis-socjeta' attrici nomine jirrizulta li waqt li din kienet fi triqitha lejn il-Belt u wasslet fil-parti ta' Triq Sant'Anna gia' msemmija, fejn effettivament sehh l-incident in dizamina, din kienet fil-karreggjata esterna tal-parti tat-triq imsemmija pronta biex tkompli fid-direzzjoni lejn it-telgha li taghti ghall-Kastilja;**

**5. Illi meta din il-konducenti riferita fil-paragrafu precedenti wasslet f'dan l-inkrocju issostni li tat harsa biex tara kienux gejjin karozzi tal-linja u harset ukoll lejn il-lemin taghha biex tara jekk kienx**

**hemm vetturi ohra gejjin minn dik in-naha li minflok ikomplu jduru lejn il-Furjana jipprocedu fid-direzzjoni ta' Kastilja;**

**6. Illi fil-hin ta' l-incident de quo kien hemm diversi karozzi fit-triq, u t-traffiku kien miexi ghalkemm mhux b'mod mghaggel;**

**7. Illi l-istess konducenti ssostni li kif wara l-prekawzjonijiet imsemmija hi bdiet il-manuvra taghha biex tkompli fil-karreggjata taghha fid-direzzjoni ta' Kastilja hasset zewg daqqiet konsekuttivi u waqfet fuq l-istop sign fejn johorgu l-vetturi mill-parkegg li hemm fil-vicinanzi;**

**8. Illi l-impatt fuq il-vettura assikurata mis-socjeta' attrici nomine jirrizulta li kien precizament fuq il-bieba tan-naha tax-xufier ta' l-istess, ftit aktar min-nofs taghha;**

**9. Illi skond il-versjoni tal-konvenut jirrizulta li huwa pacifiku li hu kien qed isuq il-vettura l-ohra fuq indikata involuta fl-incident in dizamina;**

**10. Illi l-konvenut isostni li hu kien qed isuq fi Triq Sant'Anna, il-Furjana, fid-direzzjoni tal-Belt, u kien qed isuq mal-bankina fuq il-karreggjata tax-xellug;**

**11. Illi l-konvenut isostni li f'hin minnhom qabzitu l-vettura misjuqa mill-assikurata tas-socjeta' attrici u wara li kissret fuqu "…hakket il-bibien taghha mal-bumper ta' quddiem…" tal-vettura minnu misjuqa; (ara fol 76);**

**12. Illi l-konvenut isostni li l-vettura l-ohra involuta fl-incident de quo qabzitu minn naha tax-xellug tar-"roundabout" de quo;**

**13. Illi l-hsarat sofferti mis-socjeta' attrici nomine huma debitament ipprovati bid-dokumentazzjoni kollha necessarja rikjesta u**

**jammontaw ghall-erba' mija u sitta u disghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM496.75,0), u mhux kif indikat fl-avviz odjern;**

**14. Illi s-socjeta' attrici nomine debitament ipprezentat il-formola appozita li permezz taghha jirrizulta li hi giet debitament surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha involuta f'dan l-incident;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi tenut kont ta' l-analizi fattwali fuq sintetikament riprodott jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi ghalkemm ix-xhieda kollha prodotti jindikaw li l-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura jaghti indikazzjoni ta' kif waqfu l-vetturi involuti fl-incidenti de quo, pero' kollha jilmentaw minn karenzi serji fl-istess skizz, u konsegwentement din il-qorti ma tistax tistrieh kompletament fuqu;**

**2. Illi d-danni sofferti mill-vetturi involuti huma ta' ghajnuna ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza:**

**a. Illi l-vettura assikurata mis-socjeta' attrici nomine soffriet danni fil-bieba tan-naha tax-xufier; (ara wkoll ritratti a fol 41 u 42);**

**b. Illi ghalhekk il-konvenut kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjata mhux biss ghax kellu vizwali tajba ta' l-istess vettura li dahal fiha, izda ghaliex proprju minhabba f'hekk hu biss seta' jevita l-incident de quo; stante li hu baqa' diehel f'vettura ohra li kellha d-dritt li tipprocedi qablu;**

**3. Illi inoltre, il-punt fejn effettivament sehh l-impatt ma jirrizultax li hu dak indikat fl-iskizz ipprezentat stante li l-vettura misjuqa mill-assikurata tas-socjeta' attrici kienet gia' bdiet il-manuvra taghha**

**biex titlaq "ir-roundabout" de quo u tipprocedi lejn il-Belt;**

**4. Illi jirrizulta ghalhekk li l-konvenut wera nuqqas ta' prudenza meta insista li jipprocedi fi triq fejn kellu vetturi ohra jippreceduh, u allura jirrizulta li kien hu biss li hu responsabbli ghall-incident de quo;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Carmelo Mifsud unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' erba' mija u sitta u disghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM496.75,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Carmelo Mifsud biex ihallas dan l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici nomine Citadel Insurance p.l.c., bl-ispejjez.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------